MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 27/2009

Sebastiana Spiteri (Id. 647747M).

Vs

Anthony Paul Spiteri (Id. 1067747M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,143.02) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici ai termini ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bin-numru ta' referenza 996/02NC u li ghaddiet in gudikat fis-26 ta' Ottubru 2006, u dan bir-rata ta' €267.88 fix-xahar, ghall-perjodu bejn it-2 ta' April 2008 sat-2 ta' Dicembru 2008.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi fl-ewwel lok huwa jikkoncedi li l-ammont pretiz hu fil-fatt dovut, ghalkemm l-istess konvenut ma giex interpellat precedentement permezz ta' ittra legali jew gudizzjarja. Illi fit-tieni lok, dawn il-proceduri huma sterili stante li l-istess attrici setghet tipprocedi b'mandat ezekuttiv permezz tat-titolu li l-istess ghandha li jidderivi mis-sentenza kwotata minnha stess, u ghaldaqstant kwalunkwe spejjes ghandhom jigu sopportati minnha. Bl-ispejjes.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra n-nota tal-konvenut.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Ili din hija kawza ghall-hlas ta' manteniment dovut lill-attrici mill-konvenut a bazi ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fis-26 ta' Ottubru 2006, liema manteniment ma thallasx ghall-perjodu bejn it-2 ta' April 2008 sat-2 ta' Dicembru 2008.

Illi fir-risposta tieghu, l-konvenut jammetti li l-ammont mitlub huwa dovut fl-intier tieghu. Il-fatt li l-konvenut ma rcieva l-ebda ittra legali jew ufficjali fejn gie interpellat ihallas dan l-ammont m'ghandu jkollu l-ebda effett ghaliex ma hemm l-ebda obbligu da parti tal-attrici li tibghat tali ittra. Huwa car li l-konvenut huwa ben konsapevoli ta' dak li ghandu jhallas lill-attrici u l-fatt li ma rceviex ittra interpellatorja hija skuza banali ghall-ahhar.

Illi dan it-Tribunal josserva li alavolja l-konvenut gie kkundannat ihallas il-manteniment dovut permezz ta' zewg sentenzi separati, u cioe sentenza moghtija fis-26

ta' Ottubru 2006 fejn gie iffissat il-manteniment dovut lill-attrici u sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2008 minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fejn gie kkundannat ihallas manteniment ghal perjodu partikolari, huwa xorta wahda rega' naqas mill-obbligu tieghu. Fil-fatt kif jammetti huwa stess, naqas milli jhallas il-manteniment dovut minnu ghall-perjodu in kwistjoni minghajr ebda raguni gustifikabbli.

Illi jidher li l-konvenut mhuwiex bi hsiebu jaderixxi ruhhu mal-ordnijiet tal-Qorti, meta jaf illi tali nuqqas bilfors iwassal sabiex jittiehdu proceduri legali kontra tieghu, liema proceduri ser jirrizultaw dejjem fi spejjes zejda. Dawn l-ispejjes pero, zgur m'ghandhiex tbaghtihom l-attrici.

It-Tribunal ma jaqbilx mal-fatt illi dawn il-proceduri huma inutili u anzi japprezza illi l-attrici bilfors kellha tirrikorri ghal tali proceduri sabiex tithallas il-manteniment dovut lilha, u gjaladarba l-konvenut ser ikompli jwebbes rasu u ma jhallasx dak dovut minnu alavolja hemm ammissjoni cara da parti tieghu illi l-ammont mitlub huwa dovut, ma hemmx triq ohra hlief li jkompli jbaghti l-ispejjes tal-proceduri mehudin kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,143.02), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------